MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 5/2003/1

Rikors Nru: 4/03

Kummissarju ta' l-Art

vs

Emma Busuttil, Lilian Wismayer u Paul England

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Art ipprezentat fl-20 ta' Frar, 2003 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'avviz ghall-Ftehim datat 10 ta' Jannar, 2003 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fl-Imqabba tal-kejl ta' madwar 243.6 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' l-eredi ta' William J. England, u mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-Gvern huwa ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300)

kif jidher mir-rapport tal-perit Carmen V Sutton A&C.E. tat-22 ta’ Frar, 2002 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tat-23 ta’ Jannar, 2003 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ tminn mija u hamsin lira Maltin u hamsin centemzu (Lm850.50)

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favor ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta pprezentata mill-intimati fejn esponew:

Ra li l- intimati kkontestaw it- talba.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal.

Ra d-digriet tieghu tat-8 ta’ Novembru, 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato Laferla u l-AIC Godfrey Vella.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti li stabbilew li l-art hija wahda agrikola (tal-kejl ta’ madwar 223.2 metri kwadri u mhux kif imnizzel fl-atti)u ghandha ggib kumpens ta’ hames mija u hamsa u tmenin (Lm585.00). Barra din l-art il-periti ghamlu referenza ghall-art ohra li mhix parti minn

dawn il-proceduri tant li l-istess periti rreferu ghall-pjanta esebita u l-partijiet waqt l-access qablu kemm hi l-art in kwistjoni

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimati jittrasferixxu favuru b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka bicca art fl-Imqabba tal-kejl ta' madwar 243.6 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' l-eredi ta' William John England, u mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-Gvern skond rapport tal-perit Carmen V Sutton A&C.E. mehmuza ma' l-Avviz ghall-Ftehim, bil-kumpens ta' hames mija u hamsa u tmenin (Lm585.00)lira Maltija. Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fis-6 ta' April, 2005 fl-10:30a.m. fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lid-Dottoressa Daniela Mangion biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci.

Ra l-artikolu 31 tal-Kap 88 u jordna li l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ihallas ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------